MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-20 ta' Jannar, 2017

Rikors Maħluf Nru 1119/14LM

**Raymond Vassallo**

**vs.**

**Francis Busuttil & Sons Limited (C-334)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **Raymond Vassallo** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fid-9 ta' Diċembru, 2014 fejn l-istess attur ikkonferma bil-ġurament, u għar-raġunijiet imfissra talab lil din il-Qorti:

1. *Ir-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà intimata Francis Busuttil & Sons Limited bejn is-sena elf disa' mija u disgħa u sittin (1969) u s-sena elfejn u tmienja (2008);*

2. *Fis-sebgħa (7) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija u wieħed u sebgħin (1971), ir-rikorrenti u s-soċjetà intimata ffirmaw skrittura, permezz ta' liema ġie miftiehem illi kellha tiġi kkuntrattata polza ta' assikurazzjoni ma' Commercial Union Assurance Company Limited (li jidher illi l-interessi f'Malta tagħha u/jew tal-kumpannija li setgħu assorbew jew ingħaqdu magħha huma llum vestiti f'Ark Insurance Brokers Limited (C-15701)) li ssejjaħ lir-rikorrenti, b'intiża illi malli din timmatura, u ċjoè meta r-rikorrenti jagħlaq sittin (60) sena żmien, l-istess polza tiġi likwidata favur r-rikorrenti. Ġie miftiehem inoltre illi l-ħlasijiet, ossia l-premia kollha relatati ma' din il-polza kellhom jiġu sopportati mis-soċjetà intimata tul il-perijodu sħiħ. B'hekk ġiet kuntrattata l-polza bin-numru LF1614204;*

3. *Minkejja dan, ġara illi s-soċjetà intimata, bi ksur tal-ftehim surriferit, naqset u f'xi drabi, addirittura rrifjutat illi tagħmel dawn il-pagamenti kif miftiehem mal-iskadenzi tagħhom, b'dana illi pperikolat bl-aktar mod ċar is-soppravvivenza tal-istess polza. F'dan iż-żmien, kien biss bl-intervent tar-rikorrenti illi, fejn naqset is-soċjetà intimata, ħallas il-premia huwa, illi l-polza baqgħet fis-seħħ;*

4. *Imbagħad wara ili r-rikorrenti temm l-impjieg minn mas-soċjetà intimata fis-sena elfejn u tmienja (2008), huwa baqa' jirċievi l-avviżi għall-ħlas tal-premia ġewwa r-residenza privata tiegħu, u baqa' jħallas huwa waħdu l-ispejjeż kollha relatati ma' din il-polza sal-aħħar pagament, u ċjoè sakemm il-polza ta' assigurazzjoni effettivament immaturat fis-sena 2012;*

5. *Meta allura sussegwentement, ir-rikorrenti pproċeda sabiex jitlob lis-soċjetà Ark Insurance Brokers Limited (C-15701) sabiex il-polza odjerna tiġi likwidata favurih, it-talba tiegħu ġiet miċħuda u ġie mgħarraf li l-flejjes mil-likwidazzjoni tal-istess polza kienu sejrin jiġu mogħtija lis-soċjetà intimata. Sal-lum, ir-rikorrenti għadu ma jafx x'inhu eżattament li seta' ġie likwidat mill-istess polza u mħallsa lis-soċjetà intimata għas-skapitu tiegħu;*

6. *Ir-rikorrenti Raymond Vassallo (Karta tal-Identità numru 610352(M)) jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.*

*Għaldaqstant kellha ssir din il-kawża.*

*Tgħid għalhekk, is-soċjetà intimata, 'l għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex, previa kwalunkwe dikjarazzjoni jew ordni meqjusa neċessarja u opportuna:*

1. *Tikkundanna, lis-soċjetà intimata sabiex tħallas lir-rikorrent dak l-ammont kollu mirċievi minnha mil-likwidazzjoni tal-polza bin-numru LF1614204 kkuntrattata f'isem ir-rikorrenti skont il-ftehim tas-7 ta' Novembru, 1971 mis-soċjetà Commercial Union Assurance Company Limited (li jidher li l-interessi f'Malta tagħha u/ jew tal-kumpannija li setgħu assorbew jew ingħaqdu magħha huma llum vestiti f'Ark Insurance Brokers Limited (C- 15701));*

2. *Fin-nuqqas illi tilqa' l-ewwel talba, tordna lis-soċjetà intimata Francis Busuttil & Sons Limited iħallsu lura lir-rikorrenti s-somma ta' elf u sebgħa u erbgħin euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1047.49), rappreżentanti din is-somma l-ħlasijiet, ossia premia mħallsa minnu waqt u wara t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrenti mas-soċjetà intimata sal-maturazzjoni tal-polza hawn fuq imsemmija;*

   *Bl-imgħax legali, u bl-ispejjeż kollha, inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja bin-numru 2492/2014, imorru kollha kontra s-soċjetà intimata, illi tinsab minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat r-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Francis Busuttil & Sons Limited (C-334)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta"), maħlufa minn Michael Busuttil, ippreżentata fit-8 ta' Jannar, 2015, li tgħid:

1. *Preliminarjament, illi din l-azzjoni hija intempestiva u l-kumpannija intimata m'għandhiex tbati l-ispejjeż tagħha stante li għadha ma rċeviet l-ebda ammont la mingħand Ark Insurance Brokers Limited*

*(C-15701) u anqas mingħand ebda kumpannija oħra tal-assigurazzjoni bħala ħlas tal-likwidazzjoni tal-polza bin-numru LF1614204, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna;*

2. *Illi mingħajr preġudizzju għall-premess, it-talba tar-rikorrenti sabiex jitħallas l-ammont li ser tħallas is-soċjetà Ark Insurance Brokers Limited (C-15701) jew is-suċċessuri tas-soċjetà Commercial Union Assurance Company Limited lis-soċjetà intimata fir-rigward tal-polza bin-numru LF1614204 hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda fl-intier tagħha minn din l-Onorabbli Qorti bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti, minħabba li r-rikorrenti mhuwiex intitolat jirċievi ammonti mis-soċjetà intimata in segwitu għal-likwidazzjoni tal-polza bin-numru LF1614204 minħabba li r-rikorrenti ttermina l-impjieg tiegħu mis-soċjetà intimata u għalhekk ai termini tal-klawżoli 2 u 3 tal-ftehim ċitat bħala Dok. A mir-rikorrenti stess fir-rikors ġuramentat tiegħu, u ċjoè dak tas-7 ta' Settembru, 1971, ir-rikorrenti tilef il-jedd tiegħu li jirċievi l-ammont inkwistjoni, u dan kif ser jirriżulta waqt is-smigħ tal-kawża odjerna;*

3. *Illi s-soċjetà intimata ma toġġezzjonax illi tirrifondi lir-rikorrenti l-ammont ta' elf u sebgħa u erbgħin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,047.49) però bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti minħabba illi permezz ta' ittra datata 5 ta' Mejju, 2014 (kopja tagħha hawn annessa bħala Dok, FBS1), is-soċjetà intimata kienet ġjà għarrfet lir-rikorrenti tramite r-rappreżentant legali tiegħu, illi tħallsu l-premia kollha illi huwa kien ħallas personalment lis-soċjetà Ark Insurance Brokers Limited (C-15701) li ammontaw għal elf sebgħa u erbgħin Euro u disgħa u erbgħin ċenteżmu (€1,047.49) però r-rikorrenti ma aċċettax din l-offerta da parti tas-soċjetà intimata u baqa' jivvanta l-pretensjonijiet infondati tiegħu u ċjoè jinsisti li huwa intitolat għar-rikavat tal-polza inkwistjoni, u dan kif jirriżulta mill-ittra uffiċjali sussegwenti tar-rikorrenti tas-7 ta' Awwissu, 2014 ċitata bħala Dok. B mir-rikorrenti stess fir-rikors ġuramentat tiegħu, u waqt is-smigħ tal-kawża odjerna.*

4. *Salv eċċezzjonijiet oħra permessi mil-Liġi.*

*Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li huma minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Semgħet ix-xhieda u rat id-dokumenti kollha li ġew esebiti mill-kontendenti.

Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjetà konvenuta fis-17 ta' Ġunju, 2016 fejn talbet sabiex tiġi awtorizzata tippreżenta eċċezzjoni ulterjuri ai termini tal-Artikolu 728(2) tal-Kap. 12 u dan stante li hija ma kinetx f'pożizzjoni li teċċepixxi l-preskrizzjoni fir-rigward tat-tieni talba tal-attur a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 minħabba li din ma setgħetx tiġi eċċepita qabel ma jistemgħu x-xhieda mressqa mill-attur.

Rat r-risposta tal-attur **Raymond Vassallo** ppreżentata fil-21 ta' Ġunju, 2016 li tgħid:

*L-esponenti, filwaqt li jiġbed l-attenzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti għall-kontenut u n-natura tat-tielet (3) eċċezzjoni tas-soċjetà intimata fir-risposta ġuramentata tat-8 ta' Jannar 2015, għall-finijiet tat-talba magħmula fir-rikors tas-17 ta' Ġunju 2016, jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, b'riżerva dwar l-ispejjeż, u b'riżerva għal kull jedd tal-esponenti, inkluż illi jressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu, skont il-każ.*

Rat id-digriet mogħti fil-5 ta' Ottubru, 2016 fejn laqgħet it-talba tas-soċjetà konvenuta li ġiet awtorizzata tressaq eċċezzjoni ulterjuri a bażi tal-Artikolu 728(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat r-Risposta Maħlufa ulterjuri tas-soċjetà konvenuta **Francis Busuttil & Sons Limited (C-334)** maħlufa minn Michael Busuttil, ippreżentata fl-10 ta' Ottubru, 2016, li tgħid:

> *It-tieni talba tar-rikorrenti hija preskritta fil-konfront tar-rikorrenti a tenur tad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *Bl-ispejjeż kollha kontra r-rikorrenti li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Semgħet lill-avukat difensur tal-attur jittratta l-kawża.

Rat il-verbal tas-seduta tad-9 ta' Novembru, 2016 fejn is-soċjetà konvenuta ingħatat il-fakultà li tippreżenta nota responsiva għat-trattazzjoni orali da parti tal-avukat difensur tal-attur u fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-udjenza tal-lum.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ippreżentata mis-soċjetà konvenuta fit-28 ta' Novembru, 2016.[1]

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Fi żmien meta l-attur Raymond Vassallo kien għadu impjegat mas-soċjetà konvenuta Francis Busuttil & Sons Limited permezz ta' ftehim datat 7 ta' Settembru, 1971[2], il-kontendenti kienu ftiehmu illi ssir polza ta' assigurazzjoni (minn issa 'l quddiem "il-Polza") mas-soċjetà Commercial Union Assurance Company Limited li l-interessi tagħha f'Malta kienu eventwalment għaddew f'idejn is-soċjetà Ark Insurance Brokers Limited. Sussegwentement, wara li fl-

[1] A fol. 198 sa 203.
[2] A fol. 6 u 7.

20 ta' Marzu, 2015 u ċjoè wara li ġiet ippreżentata din il-kawża, jirriżulta li s-soċjetà Aviva Life Pensions UK Limited, il-*principal company* ta' barra, effettivament ħallset lis-soċjetà konvenuta s-somma ta' €52,553.40 meta l-polza immaturat.[3]

Illi l-imsemmi ftehim li sar fis-7 ta' Settembru, 1971, kien suġġett għall-kundizzjonijiet segwenti:

> *1. The Policy, although issued in the name of the Employee, shall be and shall remain the full property of the Employer who shall therefore be entitled to hold it until it becomes the property of the Employee by virtue of any one of the conditions hereunder.*
>
> *2. The Employee shall become the owner of the Policy and he may claim delivery thereof on his attaining (60) years of age provided he has remained uninterruptedly until such date in the service of the Employer.*
>
> *3. In the event that the Employee does not remain in the service of the Employer until he attains age sixty for any reason whatsoever (excluding death and health reasons which make him incapable of working), he shall have the right to demand delivery of the Policy on the payment to the Employer of all premiums paid in respect of the Policy. No interest shall be due by the Employee on the total amount of premiums refunded as aforesaid.*
>
> *4. The request envisaged in the previous paragraph shall be made by the Employee within one month from termination of employment; after the lapse of the said period of one month, the Employer shall be at liberty to apply for the surrender value of the Policy.*
>
> *5. If the Employee dies prior to attaining age sixty whilst he is still in the employment of the Employee, the policy shall be handed to his lawful beneficiaries and the Employer shall not have the right to claim back payment of premiums paid in respect of the policy.*

[3] A fol. 174.

*6. Should the Employee be forced to relinquish his employment with the Employer for reasons of health, once that his incapacity is certified by a medical officer jointly appointed for this purpose, the Employer shall deliver the Policy to the Employee who shall receive same in full ownership to own and to use at will and, on such delivery being effected. The Employer shall not be bound to make further payment of premiums in respect of the Policy.*

Illi abbażi ta' dan il-ftehim bejn il-kontendenti, kienet ġiet ikkuntrattata l-Polza (bin-numru LF1614204), bl-attur f'din il-kawża jkun il-*life assured* taħt l-istess Polza, u bis-soċjetà konvenuta f'din il-kawża tkun il-proprjetarja tal-Polza. Fir-Rikors Maħluf tiegħu l-attur jikkontendi illi f'kuntest fejn is-sopravvivenza tal-Polza kienet ġiet ipperikolata minħabba t-traskuraġni tas-soċjetà meta naqset milli tħallas il-*premia* meta kienu dovuti, kien biss bl-intervent tal-attur li ħallas dawn il-*premia*, li l-Polza nżamment fis-seħħ u anki wara li l-attur temm l-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta, kien biss għax l-attur baqa' jħallas il-*premium* sakemm immaturat il-Polza li din baqgħet ħajja. L-attur jippretendi illi ġaladarba kien bl-intervent tiegħu biss li l-Polza nżammet fis-seħħ sakemm il-Polza effettivament immaturat fis-sena 2015, ir-rikavat mill-Polza jmiss lilu.

Illi min-naħa tagħha is-soċjetà konvenuta ssostni illi l-attur mhuwiex intitolat jirċievi ammonti mis-soċjetà konvenuta in segwitu għal-likwidazzjoni tal-Polza minħabba li l-attur kien ittermina l-impjieg tiegħu mis-soċjetà konvenuta u għalhekk ai termini tal-klawżoli 2 u 3 tal-ftehim suċitat, l-attur tilef il-jedd tiegħu li jirċievi l-ammont inkwistjoni. Għad illi l-attur kien il-*life assured* taħt il-Polza, din il-Polza kienet u baqgħet proprjetà tal-*employer,* ossija tas-soċjetà konvenuta, li fl-ebda mument ma assenjat jew ċediet din il-Polza lill-attur ai termini tal-ftehim suċitat.

**Ikkunsidrat:**

Illi mill-imsemmi ftehim jidher ċara x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet u ċjoè li s-soċjetà konvenuta tipprovdi lil dan l-impjegat tagħha b'*life/health insurance cover* fuq saħħtu jew lill-familjari tiegħu fl-eventwalità tal-mewt tal-impjegat, sakemm huwa jkun baqa' impjegat mas-soċjetà konvenuta sa meta jagħlaq l-età ta' sittin (60) sena, li dak iż-żmien kienet l-età tal-irtirar, jew ikun miet qabel għalaq is-sittin (60) sena u fil-mument tal-mewt ikun għadu fl-impjieg mas-soċjetà konvenuta.

Illi l-imsemmi ftehim jikkontempla wkoll l-eventwalità fejn l-impjegat għal kwalsiasi raġuni (minbarra mewt jew raġunijiet ta' saħħa) ma jkunx baqa' aktar fl-impjieg mas-soċjetà attriċi sakemm jagħlaq l-età ta' sittin (60) sena, fejn skont l-istess ftehim huwa jkollu d-dritt li jitlob illi l-polza tal-assikurazzjoni tiddawwar fuqu wara li jkun ħallas lis-soċjetà konvenuta l-*premia* kollha imħallsin minnha fir-rigward tal-Polza. Din it-talba trid issir fi żmien xahar mit-tmiem tal-impjieg tal-impjegat mas-soċjetà konvenuta. F'każ illi l-impjegat jonqos milli jinvoka dan id-dritt fiż-żmien prefiss ta' xahar, is-soċjetà konvenuta jkollha l-fakultà li tapplika għas-*surrender value* tal-Polza u tista' tgawdi l-benefiċċju kollu taħt il-Polza meta din timmatura.

Illi l-Qorti għandha għaldaqstant tistabbilixxi eżattament kif dan il-ftehim bejn il-partijiet kellu jiġi eżegwit - *pacta sunt servanda*, liema ftehim finalment iħoll u jorbot għar-rigward tal-eventwali drittijiet u obbligi naxxenti mill-Polza inkwistjoni. Is-soċjetà tal-assikurazzjoni kienet legalment marbuta mal-proprjetarju tal-Polza, is-soċjetà konvenuta, u sakemm ma avverawx ruħhom il-kundizzjonijiet ikkontemplati fil-ftehim fuq imsemmi biex isir tibdil fil-Polza

għar-rigward ta' min hu l-proprjetarju tagħha, is-soċjetà assikuratriċi baqgħet legalment marbuta mas-soċjetà konvenuta. Fil-fatt anki f'korrispondenza mal-attur datata 14 ta' April, 2014 ippreżentata mill-attur innifsu[4], Louise Stratton għall-Aviva plc UK Legal tgħid:

> *"In my previous correspondence I have outlined how Aviva has arrived at the conclusion that Francis Busuttil & Sons are the legal owners of Policy 1614204. I have enclosed copies of these letters for your reference. There is nothing further for Aviva to add on this issue.*
>
> *It is understood that you left the employment of Francis Busuttil & Sons in 2008. Whilst Aviva has received payment from you directly between 2008 and 2012, this does not alter the ownership of the policy. Aviva was not a party to the financial arrangement that existed between you and Francis Busuttil & Sons and so cannot comment any further".*

Tqis illi l-ħlas tal-*premium* issir minn min issir, dan m'għandu bl-ebda mod jinċidi fuq il-jeddijiet u l-obbligi legali bejn il-proprjetarju tal-Polza u s-soċjetà assikuratiċi, li ovvjament qatt mhija ser tirrifjuta l-ħlas ta' *premia* jiġi minn fejn jiġi. Bejn s-soċjetà konvenuta u l-attur hemm jorbot il-ftehim tas-7 ta' Settembru, 1971, liema ftehim jispeċifika b'mod ċar taħt liema ċirkostanzi u b'liema modalitajiet l-attur seta' jsir proprjetarju tal-Polza.

**<u>Provi</u>**

F'dan l-istadju il-Qorti sejra teżamina l-fatti u l-provi prodotti u jekk dawn jinkwadrawx ruħhom fil-parametri tal-ftehim fuq imsemmi.

[4] A fol. 83.

Illi mill-ammissjoni tal-istess attur fl-affidavit tiegħu[5] u l-provi li ġab hu stess, hu jgħid li b'riżultat ta' ċirkostanzi li kienu nqalgħu "jien iddeċidejt li ma kellix għażla oħra għajr li ma nkomplix fil-kariga li kelli ma' Francis Busuttil & Sons Limited u għaldaqstant għażilt li nixħet ir-riżenja tiegħi f'Mejju 2008 u b'hekk wara numru ta' ġimgħat meta ħdimt it-*termination notice* l-impjieg tiegħi kien ġie fi tmiem f'Lulju 2008 wara li kont tajt 39 sena servizz kontinwu".

Illi skont in-numru tal-karta tal-identità tal-attur kif indikat fir-Rikors Maħluf, u ċjoè 610352(M), huwa twieled fil-1952, u għalhekk meta rriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta huwa kellu 55 jew 56 skont f'liema xahar kien twieled.

Illi ladarba jirriżulta wkoll li l-attur ħadem ukoll il-perijodu tat-*termination notice*, evidentement dan ma kienx kostrett jirriżenja minħabba raġunijiet ta' mard. L-attur fl-ebda mument ma jallega dan. Terġa' u tgħid l-attur bl-ebda mod ma jikkontradixxi dak li xehed **Franco Busuttil**, ir-rappreżentant tas-soċjetà konvenuta, waqt is-seduta tas-17 ta' Marzu 2016[6], fejn dan jgħid li kien jaf li Raymond Vassallo wara li rriżenja minn mas-socjetà konvenuta mar jaħdem ma' kompetitur tas-soċjetà konvenuta.

Illi mhux ikkontestat mill-partijiet illi meta l-attur irriżenja mill-impjieg tiegħu mas-soċjetà konvenuta, dan bl-ebda mod ma invoka d-dritt tiegħu ai termini tal-klawsola 3 tal-ftehim tas-7 ta' Settembru, 1971 entro it-terminu ta' xahar mir-riżenja tal-attur previst fi klawsola 4 tal-istess ftehim. Dan apparti li ma jirriżultax li s-soċjetà konvenuta ġiet offruta mill-attur kumpens kif previst fi klawsola 3 tal-imsemmi ftehim.

[5] A fol. 23 sa 31.
[6] A fol. 167.

Illi inoltre, apparti li l-attur bl-ebda mod ma allega jew b'xi mod ġab il-prova li telaq mill-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta minħabba raġunijiet ta' saħħa, wisq inqas ma jidher li seħħew iċ-ċirkostanzi kkontemplati fi klawsola 6 tal-ftehim suriferit.

Illi għalhekk f'dawn iċ-ċirkostanzi, ai termini tal-imsemmi ftehim[7] is-soċjetà konvenuta setgħet titlob li tingħata s-*surrender value* tal-Polza, ċjoè titlob illi tingħalaq il-Polza u tingħata somma mill-assikurazzjoni (is-*surrender value* tal-Polza), imma ma kien hemm xejn li jipprekludiha milli tħalli l-Polza timmatura u tirċievi l-benefiċċju kollu, kif jidher li fil-fatt għamlet.

Illi fit-trattazzjoni li saret mid-difensur tal-attur, issemma kif hu prinċipju bażilari li wieħed ma jistax jutilizza l-ksur tiegħu ta' kuntratt billi juża tali ksur għal vantaġġ tiegħu. Madankollu l-fatti hawnhekk mhumiex kif jiddeskrivihom l-avukat difensur tal-attur. Fl-ewwel lok filwaqt li huwa minnu li s-soċjetà konvenuta kienet ittraskurata fil-ħlas tal-*premia* dovuta taħt il-Polza ta' assikurazzjoni, dan in-nuqqas kien ġie rrimedjat proprju mill-attur u għalhekk ma kienx wieħed fatali għas-sopravivenza tal-Polza. Ma jservi xejn li l-attur jgħid li seta' ġie xolt il-kuntratt tal-assikurazzjoni minħabba li s-soċjetà konvenuta mhux dejjem ħallset il-*premia* dovuta, għax li kieku għas-saħħa tal-argument il-Polza ġiet xolta kawża tat-traskuraġni tas-soċjetà konvenuta, l-attur xorta ma seta' qatt jibbenefika mill-Polza.

Illi fit-tieni lok is-soċjetà konvenuta ma kinitx qiegħda tieħu vantaġġ minn ksur min-naħa tagħha stess tal-kuntratt tal-assikurazzjoni sabiex topponi t-talba għall-ħlas lill-attur tal-ammont kollu mirċievi minnha mil-likwidazzjoni tal-

[7] Klawsola 4.

Polza, iżda qiegħda tikkontesta din it-talba attriċi għall-ħlas ‘il għaliex l-attur innifsu ma mexiex skont il-kundizzjonijiet tal-Polza dwar kif din setgħet tinqaleb fuqu fl-eventwalità li jirriżenja minn jeddu, kif fil-fatt għamel, mill-impjieg li kellu mas-soċjetà konvenuta qabel ma għalaq is-sittin (60) sena. L-attur tilef il-jedd tiegħu li jirċievi l-ammont inkwistjoni ‘il għaliex ma ottemporax ruħu mat-termini tal-klawsola 3 tal-ftehim tas-7 ta’ Settembru, 1971.

Għaldaqstant il-Qorti filwaqt li qiegħda tilqa’ t-tieni eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, qiegħda tiċħad għalhekk l-ewwel talba tal-attur.

Illi inkwantu għall-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta rigward l-intempestività tal-azzjoni, stante li fl-ammissjoni tas-soċjetà konvenuta li din rċieviet il-flus mil-likwidazzjoni tal-Polza hekk kif din immaturat fil-mori tal-kawża, għandu jiġi applikat il-prinċipju tar-*res superveniens* u għalhekk din l-eċċezzjoni għandha titqies li ġiet irtirata u qiegħda tiġi miċħuda.

Illi f’dawn iċ-ċirkostanzi dak li jifdal jiġi indagat mill-Qorti hija t-tieni talba attriċi u ċjoè jekk l-attur għandux dritt jirkupra mingħand is-soċjetà konvenuta il-*premia* li l-attur stess ħallas kemm wara li rriżenja mill-impjieg tiegħu minn mas-soċjetà konvenuta, kif ukoll il-*premia* li ħallas meta kien għadu fl-impjieg mas-soċjetà konvenuta, liema *premia* skont il-ftehim suċitat suppost ġew imħallsa mis-soċjetà konvenuta, u dan fl-ambitu tal-prinċipji legali rigward l-arrikkiment indebitu.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Emanuel Bartolo vs. Victor Micallef**[8] ingħad li:

> "Għalhekk, il-limiti tal-azzjoni huma l-qies tal-vantaġġ li t-terza persuna tkun kisbet minħabba l-ispejjeż minfuqa mit-terz, u għandha l-mira li terġa' trodd l-ekwilibriju bejn il-patrimonju ta' min ikun stagħna u dak tal-parti li tkun għamlet jew nefqet spejjeż biex dan ikun seħħ. Billi din l-azzjoni għandha l-għerq tagħha fl-istitut tal-kważi-kuntratt, irid jintwera li l-fatt huwa wieħed leċitu u volontarju u li minnu titnissel obbligazzjoni, u li l-fatt ma jkunx seħħ kontra l-projbizzjoni espressa tal-parti interessata".

Illi l-insenjament tal-ġurisprudenza lokali dwar l-arrikkiment indebitu jinsab miġbur fis-sentenza fl-ismijiet **Albert Mallia vs. Albert Camilleri u Harold Portelli**.[9] Però il-Qorti ma tħossx li għandha għalfejn tiddilunga wisq f'dan ir-rigward stante li s-soċjetà konvenuta (salv l-eċċezzjoni ulterjuri dwar il-preskrizzjoni) f'din il-kawża rrispondiet li lesta tirrifondi il-*premia* li ħallas l-attur fuq din il-Polza. Din il-Qorti ser tagħmel referenza għal din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell meta tiġi biex teżamina t-talba għar-rifużjoni u l-imgħax dovut o meno fuq l-ammont li qed jintalab li jiġi rifuż.

Tqis illi l-*quantum* tal-*premia* mħallsa mill-attur fl-ammont ta' €1,047.49 mhuwiex ikkontestat mis-soċjetà konvenuta, 'il għaliex bit-tielet eċċezzjoni tagħha dak li qiegħed jiġi ikkontestat huma biss l-ispejjeż peress li bl-ittra datata 5 ta' Mejju, 2014[10] is-soċjetà konvenuta kienet offriet li tirrifondi lill-attur is-somma li huwa kien ħallas fi *premia* u kien l-attur li ma aċċettax din l-offerta. Il-Qorti qiegħda għalhekk tilqa' it-tielet eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta kwantu għall-ispejjeż fir-rigward tat-tieni talba attriċi.

[8] P.A., 28.10.2004.
[9] Q.A., 01.12. 2014.
[10] A fol. 18.

**L-eċċezzjoni ulterjuri ta' preskrizzjoni**

Tqis illi fil-mori tal-kawża, is-soċjetà konvenuta ssollevat ai termini tal-Artikolu 728(2) tal-Kap. 12 eċċezzjoni ulterjuri fejn eċċepiet il-preskrizzjoni estintiva kwinkwennali a tenur tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 fir-rigward tat-tieni talba tal-attur għar-rifużjoni tal-*premia* li ħallas l-attur meta dawn skont il-ftehim suriferit, kellhom jitħallsu mis-soċjetà konvenuta.[11] Dan stante li kif ikkonstatat mis-soċjetà konvenuta[12], l-attur fl-affidavit tiegħu qal illi huwa ħallas il-*premia* għas-snin 1982 sa 1987, 1989, 1990, 1992 u 1993 u dawk ta' Awwissu 2009, 2010 u 2011.

Tqis illi din il-kawża ġiet ippreżentata mill-attur fid-9 ta' Diċembru, 2014 u għalhekk ai termini ta' din l-eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta, l-imsemmija ħlasijiet ta' *premia* ma kinux kollha preskritti, b'mod partikolari l-premia ta' Awwissu 2010 u Awwissu 2011 ma kinux preskritti fil-mument li ġiet ippreżentata din il-kawża. Il-Qorti trid hawnhekk tippreċiża li mhijiex qiegħda tagħmel riferiment għall-ittra ufficjali tal-attur li kienet ippreżentata fis-7 ta' Awwissu, 2014[13] u nnotifikata fit-12 ta' Awwissu, 2014, stante illi din ma kinetx titlob mingħand is-soċjetà konvenuta r-rifużjoni tal-ħlas tal-*premia* u għalhekk ma jistax jitqies illi permezz ta' dan l-att ġudizzjarju ġiet interrotta l-preskrizzjoni.

Illi apparti minn hekk, kif indika sewwa l-attur fir-risposta tiegħu tal-21 ta' Ġunju, 2016[14] għar-rikors tas-soċjetà konvenuta datat 17 ta' Ġunju, 2016, filwaqt li ġibed l-attenzjoni tal-Qorti għall-kontenut u n-natura tat-tielet (3)

[11] A fol. 195.
[12] Ara r-rikors ippreżentat mis-soċjetà konvenuta fis-17 ta' Ġunju, 2016, a fol. 186 u 187 tal-proċess.
[13] A fol. 9.
[14] A fol. 191.

eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta fir-Risposta Maħlufa tat-8 ta' Jannar 2015, għall-finijiet tat-talba magħmula fir-rikors tas-17 ta' Ġunju 2016, irrimetta ruħu għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti, b'riserva dwar l-ispejjeż. Dan għaliex l-istess soċjetà konvenuta kienet fit-tielet eċċezzjoni tagħha[15] kkommettiet ruħha fis-sens illi ma toġġezzjonax illi tirrifondi lill-attur is-somma ta' €1,047.49, proprju l-ammont totali tal-*premia* mħallsa mill-attur, u dan għamlitu mingħajr ebda riserva ħlief għall-ispejjeż.

Illi dak li għandu jiġi eżaminat mill-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk b'dak li ġie eċċepit mis-soċjetà konvenuta permezz tat-tielet eċċezzjoni tagħha, din kinetx qed tirrikonoxxi l-jedd tal-attur li kontra tiegħu qed tinvoka l-preskrizzjoni estintiva kwinkwennali.

Illi l-Artikoli 2133 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi illi "il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja", filwaqt li l-Artikolu 2134 tal-Kap. 16 jgħid illi "il-preskrizzjoni tinkiser ukoll bi ħlas akkont tad-dejn, magħmul mid-debitur innifsu jew minn wieħed li jkun jidher għalih". Magħdud ma' dawn iż-żewġ artikoli tal-liġi, irid jitqies ukoll dak illi huwa pprovdut bl-Artikolu 2136 tal-Kap. 16 li jgħid illi "(1) Meta l-preskrizzjoni tiġi miksura, iż-żmien li jkun għadda qabel ma jgħoddx għaliex wieħed jippreskrivi. (2) Iżda, il-preskrizzjoni tista' tibda miexja mill-ġdid".

[15] A fol. 14 u 15.

Fis-sentenza **Avv. Antoine Cremona nomine. vs Bottega del Marmista Ltd**[16] jingħad illi:

> "Huwa paċifiku illi meta tiġi sollevata l-eċċċezzjoni tal-preskrizzjoni l-attur-kreditur għandu għad-disposizzjoni tiegħu diversi għażliet possibbli biex jikkombattiha.
>
> *Ad exemplum*:
>
> (1) L-inapplikabilità ghall-meritu tal-każ tal-preskrizzjoni speċifika;
>
> (2) Is-sospensjoni;
>
> (3) L-interruzzjoni, jew billi l-attur jiddemostra dan permezz ta' xi att gudizzjarju (Artikolu 2128, Kodiċi Ċivili) jew billi juri għas-sodisfazzjoni tal-Qorti illi b'ċerta attitudni tiegħu l-konvenut debitur qiegħed lilu nnifsu f'sitwazzjoni li jirrendi inkompatibbli l-posizzjoni ġuridika tiegħu mal-presunzjoni kostitwenti l-bażi tal-preskrizzjoni.
>
> Dwar dak li ssottomettiet l-avukat difensur tal-attur dwar ir-rikoxximent tad-dejn, issir referenza għas-sentenza mogħtija nhar it-28 ta April 2004 fl-ismijiet **Joseph Cassar noe vs. Sunny Muscat**, fejn ingħad li:
>
>> *"Ir-rikonoxximent għall-iskop tal-interruzzjoni tal-preskrizzjoni hi konfigurabbli mill-ko-eżistenza ta' dawn ir-rekwiżiti, jiġifieri, (a) il-volontarjetà; (b) ix-xjenza tad-debitu fil-konvenut; (ċ) l-inekwivoċità u (d) l-esternazzjoni tar-rikonoxximent permezz ta' dikjarazzjonijiet u minn kwalunkwe fatt ieħor li jimplika ammissjoni, ad exemplum, l-wegħda tal-ħlas, xi rikjesta biex jingħata dilazzjoni tal-pagament, u l-ħlas akkont".*
>
> Il-Qorti tagħmel referenza għal sentenza oħra li tittratta l-istess suġġett mogħtija nhar id-9 ta' Mejju, 2005 mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Austin Psaila vs. Lother Slabick**, fejn ingħad li:
>
>> *"Issa r-rikonoxximent stabbilit mill-preċitat Artikolu 2133 jestrinsika ruħu jew permezz ta' xi dikjarazzjoni espliċita jew bi kwalsiasi fatt ieħor li jimplika l-ammissjoni tal-eżistenza tad-dritt. Ad exemplum, il-wegħda tal-ħlas, talba għad-dilazzjoni tal-pagament, il-ħlas akkont (Artikolu 2134), l-annotazzjoni tad-debitu f'denunzja tas-suċċessjoni jew f'forma ta' entrata fl-accounts;*
>>
>> *Jinsab preċiżat ukoll, kemm fi-duttrina legali, kif ukoll fil-ġurisprudenza, illi dan ir-rikonoxximent tad-dritt għal fini tal-interuzzjoni tal-preskrizzjoni hu konfigurabbli fir-rekwiżiti tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, tal-*

[16] Qorti tal-Maġistrati (CSH), 5 ta' Ottubru, 2011.

*inekwivoċità, dejjem b'mod esterjorizzat. Rekwiżiti dawn li hu neċessarju li jikkoeżistu flimkien fl-istess att;*

*Jibqa' dejjem imperattiv illi l-prova dwar dawn l-istess rekwiżiti trid issir mill-attur billi huwa dan li jkun qed jikkontrasta l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-kontroparti.*

*Żgur li mhux mistenni li din il-prova ssir mill-Qorti jew mit-Tribunal li, anzi, għandu l-kompitu li jiddeċiedi "iuxta allegata et probata". Tajjeb li hawn jiġi mfakkar illi, kif drabi oħra deċiż, "jekk dwar din l-interruzzjoni hemm konflitt ta' provi, allura l-konsegwenza m'hijiex li għandha tiġi miċħuda l-preskrizzjoni, imma dik kuntrarja, li għandha tiġi akkolta, peress li l-posizzjoni ġuridika tkun li mentri jkun fatt li għadda t-terminu tal-preskrizzjoni, jkun ugwalment fatt illi l-attur ma ssodisfax lill-Qorti li kien hemm interruzzjoni." Għaldaqstant dak li hu mportanti hu li r-rikonoxximent allegat mill-attur ikun ċar u espliċitu.*

*L-aċċertament tal-eżistenza, jew le, ta' atti validament interruttivi tal-preskrizzjoni eċċepita, jikkostitwixxi indagini ta' fatt riżervat għall-apprezzament tat-tribunal adit.""*

Fl-aħħar nett għandu jsir riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Maltacom p.l.c. vs. Grima Communications Limited**[17], fejn ingħad dan li ġej:

"Il-preskrizzjoni tiġi interrotta bl-aċċettazzjoni tal-eżistenza tad-dejn mid-debitur u jekk allura s-Sur Grima esprima ruħu fis-sens li jingħad fis-sentenza, meta hu ma kienx għadu involut fil-kumpanija, legalment ma jistax jingħad li l-preskrizzjoni giet interrotta minnha;

Fermi dawn l-aggravji, jingħad bi preliminari illi skont id-dottrina legali l-interruzzjoni tal-preskrizzjoni trid tiġi mill-kreditur proposta, u provata wkoll, b'mod ċar, dirett u inekwivoku. Dan hu hekk loġiku-ġuridiku in kwantu l-prova ta' dik l-interruzzjoni ġġib magħhha l-annullament tal-perijodu preskrittiv li jkun miexi u l-bidu ta' terminu preskrittiv ġdid. Ara Artikolu 2136 Kodici Civili.

Jikkonsegwi illi għal skop ta' interruzzjoni s-sempliċi produzzjoni ta' dokumenti, ukoll jekk idoneji, ma tistax għalhekk biss ikollha effett ostatattiv tal-operatività tal-preskrizzjoni.

Biex dawn id-dokumenti jkollhom l-effett pretiż irid jirriżulta minnhom xi forma ta' rikonoxximent tal-kreditu minn fost dawk il-kawżi interruttivi previsti espress-

[17] Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) (PS), 09.05.2007.

ament mill-Kodiċi Ċivili. Tali kawżi, imbagħad, dejjem skont l-istess dottrina legali jridu jikkonfiguraw fir-rekwiżiti, ko-eżistenti fl-istess att, tal-volontarjetà, tal-konsapevolezza, tal-inekwivocità, dejjem b'mod esterjorizzat".

Applikati dawn il-prinċipji legali għall-kawża odjerna, il-Qorti tqis illi bit-tielet eċċezzjoni fir-risposta maħlufa tagħha[18], li għaliha għamel riferiment ukoll l-attur fir-risposta tiegħu[19], is-soċjetà konvenuta rrikonoxxiet bl-aktar mod ċar u inekwivoku illi għandha tirrifondi s-somma ta' €1,047.49 imħallsa mill-attur u dan bl-elementi meħtiega ta' volontarjetà, konsapevolezza, esternazzjoni u inekwivoċità da parti tas-soċjeta konvenuta. U dwar dan żgur ma jistax jingħad li hemm xi konflitt ta' provi li jista' tmur favur it-teżi tal-preskrizzjoni, għax ir-rikonoxximent ġie esternat fl-imsemmija eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li qiegħda tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri tas-soċjetà konvenuta dwar il-preskrizzjoni, qiegħda tilqa' it-tieni talba tal-attur għar-rifużjoni tas-somma ta' €1,047.49 lill-attur mis-soċjetà konvenuta.

Illi jibqa' finalment illi jiġi deċiż jekk ir-restituzzjoni tas-somma fuq imsemmija għandhiex tingħata bl-imgħax u minn meta l-imgħax għandu jibda jiddekorri.

Illi fis-sentenza suċitata fl-ismijiet **Albert Mallia vs. Albert Camilleri et**[20], il-Qorti kienet għamlet riferiment għas-sentenza tal-Prim'Istanza appellata quddiemha u kkonfermatha minnha, fejn il-Qorti tal-Prim'Istanza għamlet dan ir-raġunament kwantu ta' kif għandu jiġi kkalkulat l-imgħax dovut fuq s-somma li kellha tiġi restitwita f'każ ta' arrikkiment indebitu:

[18] A fol. 14 u 15.
[19] A fol. 191.
[20] Q.A., 01.12.2014.

> "Illi fil-fatt dwar l-imgħax f'dawn iċ-ċirkostanzi huwa mgħallem li *"il credito per l'indennizzo da arricchimento senza causa non produce interessi che dalla domanda, sorgendo il dovere giuridico di indennizzo solo quando il titolare dell'azione di arricchimento faccia valere la sua pretesa"* – Ruperto – Pescatore op. cit., pag. 2010 (fejn jiċċitaw sentenza tal-Corte di Cassazione tas-17 ta' Diċembru 1969). Għalhekk fuq dan l-insenjament l-imgħax li jista' jkun dovut għandu jibda jgħodd minn dak inhar li l-imharrek laqa' ghandu l-atti tal-kawza".

Il-Qorti tqis illi dan il-prinċipju legali jgħodd ukoll għall-kawża odjerna u l-imgħax fuq is-somma ta' €1,047.49 għandu jibda jgħodd mid-data meta s-soċjetà konvenuta ġiet notifikata bir-Rikors Maħluf u ċjoè fit-22 ta' Diċembru, 2014.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi il-kawża kif ġej:**

1. **Tiċħad l-ewwel (1) eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta u l-eċċezzjoni ulterjuri tal-istess soċjetà dwar il-preskrizzjoni;**
2. **Tiċħad l-ewwel (1) talba tal-attur filwaqt li tilqa' t-tieni (2) eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta;**
3. **Tilqa' t-tieni (2) talba tal-attur salv għall-ispejjeż kif ser jingħad aktar 'l isfel, b'dan li tordna lill-istess soċjetà konvenuta tħallas is-somma ta' €1,047.49 lill-attur bl-imgħax legali mit-22 ta' Diċembru, 2014.**

**In vista taċ-ċirkostanzi tal-kawża, l-ispejjeż għandhom jiġu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.**

Moqrija.